# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 542/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Camilleri**

Seduta tad-9 t'April, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Paul Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 50179M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Awwissu 2017 fil-Gzejjer Maltin naqas li jaghti lil Joanne Camilleri Xuereb, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Dicembru, 2017 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta w kif ukoll ordnat l-hlas ta' €400 fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Dicembru, 2017, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tilliberah mill-akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa essenzjalment dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti liema piena u ordni ta' hlas huwa iqis bhala wahda ingusta. Jibda biex jinghad, izda, illi l-appellant ma kien ikkundannat ghall-ebda piena ghaliex wara li kien misjub hati kien liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;
2. Mid-deposizzjoni tal-kwerelanta irrizulta illi l-appellant kien hallas l-ammont ta' manteniment ghax- xahar ta' Awwissu,

igifieri dak konvenut fl-imputazzzjoni odjerna, liema hlas kien sar tardivament f'Settembru, 2017. Issa, kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, l-iskop ewlieni tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali hu li jassigura li l-ordnijiet tal-Qorti ghal-hlas ta' manteniment ikunu debitatment osservati. Fil-kaz odjern, il-kwerelanta kellha ragun illi tintavola kwerela kontra l-appellant u mill-aspett prettament legali, l-imputat kellu jitqies li naqas milli jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti anke jekk kien tardiv fil-pagament. Madanakollu, l-ewwel Qorti giet zgwidata meta l-kwerelanti naqset milli tinformaha li kien hemm pagament tardiv tant li ordnat il-hlas fit-termini tal-artikolu 24 tal-Kaptiolu 446;

3. Illi ghalhekk hemm lok ta' temperament fis-sanzjoni moghtija mill-ewwel Qorti u tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza appellata izda tilqa' t-talba ghal-varjazzjoni taghha billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 u thassaraha f'dik il-parti li biha ordnat lill-appellant ihallas l-ammont ta' €400 fi zmien xahar fit-termini tal-artikolu 24 tal-istess Kap;

4. Il-Qorti spjegat lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.